MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 84/2002/1

**Valhmor Borg Import/Export Limited**

**Vs**

**Burmarrad Commercials Limited u b'digriet tad-29 ta' Ottubru, 2002 gie kjamat in kawza Michael Spiteri**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz pprezentat mis-socjeta attrici nhar l-ewwel (1) ta' Frar 2002 fejn prevja dikjarazzjoni li l-kunsens tas-socjeta attrici fuq il-kuntratt ta bejgh tal-vettura van tal-marka Vauxhall Cumbo bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 334 kien vizzjat bl-eghmil doluz tas-socjeta konvenuta, illi hbiet mis-socjeta attrici li l-istess kienet affetta b'difett latenti li jirrendi l-vettura fi stat li ma hix tajba ghall-uzu, u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja w opportuna:

1. Tordna r-rexxissjoni tal-kuntratt ta’ bejgh tal-istess vettura li gie konkluz bejn is-socjetajiet kontendenti fid-disgha w ghoxrin (29) t’Awwissu 2001; u
2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex trodd lura, ossia thallas lis-socjeta attrici, is-somma ta’ tlett elef mija u tnejn u sittin liri maltin u hamsin centezmu (LM3,162.50) rapprezentanti l-prezz imhallas mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta ghax-xiri tal-istess vettura flimkien mal-ispejjez kollha, li jigu likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti okkorendo bl-opera ta’ periti nominandi, nkorsi mis-socjeta attrici ‘n konnessjoni mal-istess vettura.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra interpelatorja tal-ghoxrin (20) ta’ Novembru 2001 u tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali dekorribli b’effett mid-disgha w ghoxrin (29) t’Awwissu 2001 sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni, u b’riserva ghal kull azzjoni ulterjuri ta’ danni spettanti lill-istess socjeta attrici kontra s-socjeta konvenuta skond il-ligi.

Rat in-nota t’eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Burmarrad Commercials Limited ipprezentata nhar l-ewwel (1) ta’ Marzu, 2002 fejn eccepiet:-

1. Illi l-allegazzjonijiet tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt w in oltre huma preskritti mill-ligi.
2. Illi ebda difett latenti ma jezisti u dana hekk kif gie kkonfermat wara ezaminazzjoni minn persuna esperta.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota t’eccezzjonijiet ulterjuri tal-istess socjeta konvenuta ipprezentata nhar l-ghoxrin (20) t’April, 2006 fejn eccepiet:

1. Illi peress li l-attrici ntavolat azzjoni ghar-rexissjoni, u galadarba l-vettura ‘n kwistjoni ma kienetx giet depozitata taht l-awtorita tal-Qorti qabel jew kontestwalment mal-prezentanta tal-kawza, l-azzjoni odjerna hija nulla *ab initio*.

2. Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat ir-rikors tas-socjeta konvenuta pprezentat fl-ghoxrin (20) ta’ Settembru, 2002 u li permezz tieghu, hija talbet li jigi kjamat in kawza Michael Spiteri.

Rat id-digriet taghha tad-disgha w ghoxrin (29) t’April, 2002 fejn fin-nuqqas ta’ opposizzjoni, laqghet it-talba u ordnat in-notifika tal-avviz lill-imsemmi Michael Spiteri.

Rat in-nota t’eccezzjonijiet tal-kjamat in kawzaipprezentata nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta’ Novembru, 2003 u li permezz taghha eccepixxa:

1. “Illi l-kawza giet intavolata fl-ewwel (1) ta’ Frar 2002 mentri l-eccipjent gie kjamat in kawza b’digriet tad-disgha w ghoxrin (29) t’Ottubru 2002 u cioe ben tmien (8) xhur wara u dan apparti li certament lahqu ghaddew diversi xhur ohra jew zmien iehor qabel ma l-kawza giet intavolata. Aktar minn hekk irid jigi wkoll aggunt it-trapass ta’ zmien bejn meta l-eccipjent ittrasferixxa l-vettura ‘n kwistjoni lis-socjeta konvenuta l-ohra, li ghall-fini tal-ewwel eccezzjoni ghandu rilevanza sa fejn tirrigwarda lilu. Dan ifisser li sa fejn jirrigwarda lill-eccipjent, l-azzjoni hija palesament perenta ai termini ta l-artikolu 1431(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u kwindi l-istess talbiet ghandhom jigu michuda u l-eccipjent liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi minghajr ebda pregudizzju u subordinament ghas-sueccepit li una volta qieghda tigi esperta l-azzjoni ghar-rexxissjoni, una volta l-vettura ‘n kwistjoni ma jidhirx li giet depozitata taht l-awtorita tal-Qorti biex jezimi ruhu minn kull responsabilita w allura ghadha fil-pussess materjali tieghu, allura l-azzjoni ma hix aktar attendibbli fil-ligi peress li b’ghemiltha is-socjeta attrici rratifikat kull obbligazzjoni u dan fit-terminu ta’ dak li jipprovdu l-artikoli 1227, 1228 u 1229 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta rigwardanti r-rexxissjoni tal-kuntratti. Kwindi anke hawn it-talbiet tas-socjeta attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

3. Illi subordinament u minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit sa fejn jirrigwarda l-bejgh tal-vettura 'n kwistjoni bejn il-kontendenti fil-kawza fejn qieghed jigi attribwit ghemil doluz, l-eccipjenti m'ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici u jekk gie prattikat dan l-ghemil doluz, hu ghal kollox inkonsapevoli ta' dan kollu u estraju minnu. Kwindi anke abbazi ta' tali premessi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

4. Illi bla pregudizzju u subordinatament ghas-sueccepit, fil-mertu, meta l-konvenut ittrasferixxa l-vettura mertu tal-kawza lis-socjeta konvenuta l-ohra, din kienet fi stat funzjonabbli tajjeb. X'gara sakemm damet fil-pussess tas-socjeta konvenuta sakemm giet trasferita lis-socjeta attrici hu ma jafx u ma jistax jigi tenut responsabbli.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tat-tnax (12) ta' Dicembru 2003 (fol. 34) fejn innominat bhala espert tekniku lil Dr. Wayne Pisani sabiex jiehu konjizzjoni tal-fatti u jirrelata dwarhom u dan spejjez provizorjament tal-atturi.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert tekniku li giet debitament mahlufa minnu fl-erbatax (14) ta' Jannar, 2008.

Rat ix-xhieda mressqa mill-istess partijiet kemm quddiemha kif ukoll quddiem l-espert tekniku nominat minnha.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom ic-cedola ta' depozitu numru 547/02 u li permezz taghha fit-tnejn (2) t'April, 2002 giet depozitata formalment il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABJ-334;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi permezz ta' din il-kawza, is-socjeta attrici qeghda titlob lil Qorti sabiex tirrexxindi l-kuntratt ta' bejgh tal-vettura tat-tip Vauxhall Cumbo bin-numru ta' registrazzjoni ABJ-334 ikkontrattat bejnha u bejn is-socjeta konvenuta nhar id-disgha w ghoxrin (29) t'Awwissu, 2001 u dan peress illi l-kunsens tal-istess socjeta attrici kien vizzjat bl-eghmil doluz tas-socjeta konvenuta illi hbiet minnha l-fatt li din il-vettura kellha difett latenti u konsegwenza ta' dan id-difett, l-istess vettura ma kienitx tajba ghall-uzu. Konsegwentement, is-socjeta attrici talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta konvenuta trodd lura l-hlas ta' sebat elef tlett mija sitta u sittin ewro u erbgha u sittin ewro centezmi (€7,366.64) ekwivalenti ghal LM3,162.50, rapprezentanti l-prezz imhallas ghal istess vettura flimkien mal-ispejjez l-ohra kollha konnessi max-xiri ta' din il-vettura.
Is-socjeta konvenuta laqghet ghal din it-talba billi qalet illi l-allegazzjoni tas-socjeta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt oltre li l-istess talba hija preskritta skond il-ligi. Di piu, stqarret illi ma jezisti l-ebda difett latenti. Sussegwentement, l-istess socjeta konvenuta ecceppiet li galadarba s-socjeta attrici qeghda titlob ghar-rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgh tal-vettura Vauxhall Cumbo, hija messa ddepozitata taht l-Awtorita tal-Qorti qabel jew kontestwalment mal-intavolar tal-kawza odjerna, w ghalhekk, galadarba m'ghamlitx dan, l-azzjoni odjerna hija nulla.

Da parti tieghu, l-kjamat in kawza Michael Spiteri sahaq illi l-azzjoni attrici hija palesament perenta fil-konfront tieghu u dan ai termini tal-artikolu 1431(1) tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta. Huwa wkoll stqarr li galadarba l-vettura ma gietx iddepositata taht l-awtorita tal-Qorti, allura s-socjeta attrici rratifikat kull obbligazzjoni u dan fit-terminu ta' dak li jipprovdu l-artikoli 1227, 1228 u 1229 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti r-rexxissjoni tal-kuntratti. Zied jghid illi jekk gie ipprattikat xi ghemil doluz da parti tas-socjeta konvenuta fil-konfront tas-socjeta konvenuta, huwa m'ghandux x'jaqsam. Finalment jghid illi huwa ittrasferixxa din il-vettura lis-socjeta konvenuta fi stat funzjonabbli tajjeb u ma jistax jghid x'gara u ma garax lil

din il-vettura waqt li din kienet fil-pussess materjali ta’ l-istess socjeta konvenuta.

Ikkunsidrat ukoll:-

Illi nhar l-ghoxrin (20) ta’ Gunju 2002 xehed **Emmanuel Goodlip** fejn qal li i huwa kien jahdem mas-socjeta attrici u ghax-xoghol tieghu kien jaghmel uzu mill-vettura Vauxhall van bin-numru ta’ registrazzjoni ABJ 334. Huwa kkonferma li beda jaghmel uzu minnha mix-xahar ta’ Settembru 2001 u baqa hekk juzaha sa Frar 2002 ghaliex wara, din l-istess vettura giet iggaraxxjata. Qal li kien hu biss li kien jaghmel uzu minnha u li mill-bidu nett kien innota li din il-vettura kellha vibrazzjoni fid-*dashboard* taghha kif ukoll fl-i*steering*. Jghid li huwa kien jahdem gurnata shiha idur bil-merkanzija u din il-vibrazzjoni kienet iddejqu hafna u fil-fatt kien ipprotesta dwarha ma Kenneth Borg Caruana li kien l-imghallem tieghu.

Dan ix-xhud qal li skond informazzjoni moghtija lilu, dan il-van kien ghadu kif inxtara minghand is-socjeta konvenuta w in segwitu kien gie inkarigat sabiex imur ikellimhom dwar dan id-difett. Huwa mar u tkellem ma persuna bl-isem Noel u dan assigurah li kollox kien normali ghaliex il-magna kienet wahda *diesel*. Huwa kien informa lis-superjuri tieghu dwar dan, izda wara certu zmien huwa beda jinnota li l-*gear lever* kien qed jinhass xi ftit laxk u fl-ahhar ma setax ibiddel il-gerijiet u l-vibrazzjoni bdiet tkun ezagerata.

Wasal f’punt li ma setax isuq din il-vettura aktar w ghalhekk reggha mar ghand is-socjeta konvenuta u din il-vettura giet ezaminata minn *mechanic* tas-socjeta konvenuta stess. Huwa gie infurmat li d-difett li kellu l-van kien fis-sens li r-*rubber mounting* hdejn il-*gear lever* kien difettuz. Dan Noel baghtu jixtri r-*rubber mounting* u fil-fatt is-socjeta konvenuta ghamlitlu t-tiswijiet rikjesti. Huwa esebixxa l-ircevuta relattiva ghal din il-*part* flimkien ma l-*invoice* relattiva li giet immarkata bhala Dok. VB 3 (fol. 15). Jghid li pero minkejja din it-tiswija il-van baqa’ l-istess. Spjega wkoll li skond informazzjoni moghtija lilu mill-imghallem tieghu, kien sar ftehim bejnu u bejn is-

socjeta konvenuta li din il-vettura kellha tittiehed ghand zewg *panel beaters* sabiex jigi accertat li dan il-van ma kellux xi difett aktar serju u sabiex jikkonfermaw li dan il-van ma kellux xi daqqa fuqu.

Ikkonferma li dawn iz-zewg *panel beaters* ikkonfermaw li ma kien hemm xejn hazin fil-van izda fil-fehma tieghu il-van ma kienx tajjeb w ghalhekk l-imghallem tieghu hadu ghand garaxx li jismu *Eurostar* u dan minnufih innota li l-vann kellu daqqa u minkejja li kien sar xi xoghol fuqu, dan ix-xoghol ma sarx sew, tant li l-*alignment* tieghu ma kienx preciz.

Sussegwentement, il-kumpanija attrici qabdet, *ex parte*, lill-espert tekniku Joseph Zammit sabiex jaghmel studju serju fuq din il-vettura u jara jekk din il-vettura kienitx tajba sabiex tinstaq fit-triq. Fil-fatt dan l-espert kien ezamina l-vettura u hejja rapport li gie esebit u mmarkat bhala Dok. VB 4 (fol. 16).

Illi minn ezami mir-rapport imhejji minn dan l-espert tekniku rrizulta li effettivament il-vettura kienet involuta f'habta u li sussegwentement kien hemm xi xoghol ta' *panel beating* maghmul fuq il-*mudguard* tax-xellug tant li z-zebgha tal-i*spray* ma kienx kompatibbli mal-bqija tal-vettura.

Semghet lill-**espert tekniku Joseph Zammit** jixhed nhar il-wiehed u tletin (31) t'Ottubru 2002 fejn ikkonferma li huwa kien gie mitlub sabiex jezamina l-vettura 'n kwistjoni fuq talba tas-socjeta attrici w ikkonferma li huwa kien irrilaxja r-rapport esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok. VB 4 a fol 16 tal-atti wara li kien ezamina l-istess vettura. Ikkonferma li din il-vettura kellha difett li biex ikkonstatah kellu jzarma l-vettura. Dan id-difett kien qed jikkawza vibrazzajonijiet serji fil-vettura. Stqarr ukoll li din il-vettura kienet invouta f'kollizjoni precedentement. Spjega li d-difett u l-vibrazzjoni gew ikawzati billi l-*gear box* kienet giet ikkrepata meta ntrabtet wara li l-vettura sofriet il-hsara.

Semghet lil **PS 833 Francis Seychell** jixhed fis-seduta tad-disgha (9) ta' Gunju 2006 fejn ikkonferma li huwa kien

l-ufficjal inkarigat illi kien mar fuq il-post relattivament ghall-kollizzjoni li kienet saret fit-tnejn w ghoxrin (22) t'April 1998, liema kollizzjoni kienet tinvolvi l-vettura tal-ghamla Vauxhall bin-numru ta' registrazzjoni AMG 777 u pprezenta l-okkorenza u l-iskizz relattiv ghal din il-kollizzjoni, liema zewg dokumenti gew immarkati bhala Dok. FS 1 u FS 2.

Illi nhar l-erbatax (14) ta' Jannar 2008 deher l-espert tekniku Dr. Wayne Pisani u pprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu li gie mmarkat bhala Dok WP.

Minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li effettivament il-vettura kienet involuta f'kollizjoni qabel ma nxtrat mis-socjeta konvenuta nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Lulju 2001 u t-tiswijiet li saru fuqha fuq il-parti tax-xellug ta' quddiem, ma sarux skond is-sengha u l-arti. Jghid pero li l-hsara setghet tittranga permezz ta' ghodda adattata. *In funditus* huwa jaqbel mar-rapport tal-espert tekniku Joseph Zammit esebit mis-socjeta attrici.

Rat in-nota tal-kjamat in kawza Michael Spiteri pprezentata fl-atti nhar is-sbatax (17) ta' Jannar 2008 fejn talab in-nomina ta' periti perizjuri.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-erbgha (4) ta' Maru 2008 fejn l-partijiet kollha talbu li jeskutu l-perit tekniku u b'hekk l-istess kjamat in kawza kien qed jirrinunzja ghat-talba tieghu ta' perizja perizjuri.

Rat in-nota esebita a fol. 108 ta' l-atti bhala Dok. 'Y' fejn hemm zewg mistoqsijiet maghmula lill-espert tekniku Dr. Wayne Pisani u tahthom hemm ir-risposta tieghu. Partikolarment, meta gie mistoqsi jekk il-*mechanic* inkarigat mis-socjeta konvenuta, kienx ezamina l-vettura 'n kwistjoni qabel m'inxtrat mis-socjeta konvenuta, dan irrisponda li effettivament kienet giet ezaminata minn rapprezentant taghha u effettivament kienet giet ippruvata mid-direttur taghha Mario Gauci u jekk is-socjeta konvenuta kienitx mgharrfa li l-vettura kellha xi vibrazzjonijiet, dan irrisponda fil-posittiv.

Rat in-nota ta' sottomissjoni tas-socjeta attrici pprezentata nhar il-hmistax (15) t'Ottubru 2008, dik tal-kjamat in kawza pprezentata nhar il-wiehed u tletin (31) t'Ottubru 2008 kif ukoll dik tas-socjeta attrici pprezentata nhar il-hdax (11) ta' Dicembru 2008.

Ikkunsidrat ulterjorment:-

**Kenneth Borg Cardona**, *Sales and Marketing Manager* tas-socjeta attrici xehed quddiem il-perit tekniku nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Frar 2004 u qal li kien ra van ghand is-socjeta konvenuta u kien interessat li jixtrih ghan-nom tas-socjeta attrici. Qal li kienu ftehmu fuq il-prezz u s-socjeta konvenuta weghditu li kienet ser taghtih sitt xhur garanzija fuq il-magna skond l-*invoice* esebita u mmarkata bhala Dok. KBC 1. Jghid li kien jaf li kellu jsir xi *polish* fuq il-van minhabba difett fiz-zebgha. Ftehmu ghalhekk li kellu jmur jigbor il-van fi zmien gimgha. Il-van ingabar nhar it-tlieta (3) ta' Settembru 2001.
Izid jghid illi huwa gabar il-van w ghaddieh lill-impjegati tas-socjeta attrici li mill-ewwel bdew jilmentaw mill-*vibrations* fl-i*steering* u fil-gearijiet tal-van. Huwa ghalhekk baghat lil wiehed mis-*salesmen* tas-socjeta attrici ghand is-socjeta konvenuta biex jispjegalu dak li kellu l-van. Is-socjeta konvenuta infurmatu li kien mar il-*mounting* u fil-fatt kienet offriet li twahhal dan il-*mounting* kemm il-darba jixtruha. Huma ghalhekk marru jixtru din il-*part* u s-socjeta konvenuta waħlitha dakinhar stess. L-ircevuta tal-*mounting* hija esebita fl-atti bhala Dok. KBC 2. Jghid li l-*vibrations* naqsu izda ma marrux ghal kollox u fil-fatt jumejn jew tlieta wara s-*salesman* rega' beda jgerger minn dan il-fatt. Wara gimgha l-*mounting* regghet marret. Din id-darba s-socjeta konvenuta xtrat din il-*part* hi stess u kienet hi stess li regghet waħlitha. Huwa ghalhekk ma kellux aktar fiducja fis-socjeta konvenuta tant li ha l-van gewwa garaxx iehor sabiex jigi ezaminat bir-reqqa. Il-garaxx kien *Eurostar*.

Wara dan l-ezami gie mgharraf li kien hemm *permanent damage* fil-*body* tal-van ghaliex kien hemm daqqa fil-*body* u l-*gearbox* u l-magna ma kienetx f'posizzjoni tajba u kienet ikkrepata ghaliex ma kienitx giet imsewwija sewwa.

Huwa ghalhekk cempel lil Mario Gauci, direttur tas-socjeta konvenuta u dan qallu li l-van ma kellu xejn hazin.
Fit-tmienja (8) ta' Novembru 2001 kitbu ittra lis-socjeta konvenuta dakinhar stess tat-telefonata u din l-ittra giet mmarkata bhala Dok. KBC 3 fejn gie moghti *deadline* sas-sittax (16) ta' Novembru 2001 u billi m'ircevew ebda risposta, huma qabdu w iggaraxxjaw dan il-van ghand Salvu Falzon sabiex izommha u minnufih bdew il-proceduri il-Qorti. Jghid li l-van gie depozitat taht l-awtorita tal-Qorti permezz ta' cedola esebita u markata bhala Dok. KBC 4.

Is-socjeta attrici mbaghad qabbdet lil Joseph Zammit sabiex jezamina l-van u dan irrilaxxja rapport fejn ikkonkluda l-istess affarijiet li kienu gew konkluzi mill-addetti tal-garaxx *Eurostar*.

Illi nhar is-sitta w ghoxrin (26) t'April 2004 in kontr'ezami x-xhud ikkonferma li kien hu li nnegozja l-van. Meta gie muri d-Dok. KBC 1, qal li dan kien il-kuntratt ta' bejgh u fuq dan id-dokument ma kienx hemm il-firma ta' rapprezentant tas-socjeta attrici. Ikkonferma li l-van beda jintuza jumejn jew tlieta wara li ngabar minghand is-socjeta konvenuta u li dan kien jintuza minn Noel Goodlip.

**Noel Gauci** xehed nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Gunju 2004 quddiem il-perit tekniku. Ikkonferma li x-xoghol tas-socjeta konvenuta jikkonsisti f'xiri, bejgh u tiswijiet ta' vetturi w ingenji u l-bejgh ta' *parts*. Dwar il-vettura 'n kwistjoni, jiftakar li kien xraha minghand Michael Spiteri. Qal li dan Michael Spiteri kien assigurah li l-vettura kien harigha hu gdida minn Malta u li ma kienet involuta f'ebda incident. Jghid li huwa ezamina l-*body* taghha u kien saqha. Dan kien qallu li kellha xi grif fuq il-*mudguard* hu huwa kien hadha ghand l-importatur sabiex tinzebagh mill-gdid u hu ma kellux ghalfejn jiddubitah w ghalhekk in-negozju gie konkluz u xtara l-van.

Jghid li meta huwa saq il-vettura ma hass l-ebda gbid lejn naha jew ohra u li ghalih il-van kien tajjeb. Wara ftit dan il-van inbiegh lis-socjeta attrici. Jikkonferma li bejn il-perjodu li nxtara w inbiegh dan il-van, dejjem baqa' fil-*yard*

tas-socjeta konvenuta. Jghid li huwa ma kienx involut la fit-*test drive* u lanqas fin-negozju mas-socjeta attrici. Jghid li wara xi hmistax-il jum, is-socjeta attrici baghtet il-van lura fil-garaxx taghhom, ghaliex sostniet li kellu daqqa. Huwa ghalhekk reggha ezamina l-van u ra li ma kellu xejn hazin, xejn ma kien minsus. Huwa sahansitra anke ha il-vettura ghand *panel beater* li jismu Sammy Muscat sabiex jaccerta ruhu u dan ukoll qallu li ma kien hemm xejn hazin fih apparti il-*wear and tear*.
In kontr'ezami x-xhud ighid li jaqbel li t-*transfer* tal-van sar fit-tletin (30) ta' Lulju 2001 u jaqbel ukoll li l-vettura kienet ilha diga fil-pussess taghhom xi jiem. Ikkonferma wkoll li qabel ma xtara l-vettura, kemm hu, kif ukoll zijuh, kienu ezaminaw il-vettura u jghid li *vibration* kien hemm pero kien accettabli ghaliex il-van kien *second hand*. Ikkonferma ghal darb'ohra li sakemm il-van baqa ghandhom dan inzamm fil-bitha taghhom u hadd ma saqu.

**Saviour Muscat**, *panel beater* xehed nhar il-hdax (11) ta' Dicembru 2004 fejn qal li huwa ghandu l-garaxx tieghu gewwa l-Wardija u ilu jaghmel xoghol ghal dawn l-ahhar tnejn u ghoxrin sena. Qal li huwa kien gie imqabbad mis-socjeta konvenuta sabiex jispezzjona van tal-ghamla Vauxhall u minn ezami li ghamel irrizultalu li ma kien hemm xejn hazin fil-van fil-*body*. Bhala *panel beater* pero huwa ma dahalx fil-kwistjoni tal-magna. Qal li tellghu l-van fuq *jack* u l-*alignment* kien jidher tajjeb. Mistoqsi jekk sabx *mounting* hazin kif qal Joseph Zammit, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. *Dents* fuq il-*cross member* ma rax li kien hemm.

Mistoqsi in kontr'ezami jekk jahdimx mas-socjeta konvenuta, ix-xhud wiegeb fin-negattiv, izda qal li gieli tahom xi pariri jekk karozza kienitx mahbuta jew le. Mistoqsi jiftakarx in-numru ta' registrazzjoni tal-van li spezzjona, ix-xhud jghid li kien ABJ-324 pero ma kienx cert.

**Christopher Darmanin** xehed nhar is-sittax (16) ta' Frar 2005 ghan-nom w in rapprezentanza tad-Direttur tal-Licenzji u dan ikkonferma li l-van tal-ghamla Vauxhall

numru ta' registrazzjoni ABJ 334 huwa ta' kulur abjad. Qal li mill-ewwel (1) ta' Frar 2002, is-sid kien certu David Borg f'isem is-socjeta Valhmor Borg Import/Export Limited u l-licenzja skadiet f'Jannar 2003. Qal li Michael Spiteri kien hareg vettura bil-pjanca AMG 777 u din giet registrata fis-sitta w ghoxrin (26) t'April 1996. Sussegwentement dan Michael Spiteri biddel in-numru minn AMG 777 ghan-numru normali ABJ 334. Meta l-vettura giet mixtrija mis-socjeta konvenuta, dan il-van kellu n-numru l-gdid. Ikkonferma li t-*transfer* minn Michael Spiteri ghal fuq is-socjeta konvenuta sar nhar it-tletin (30) ta' Lulju 2001. Ic-*chassis number* huwa 000071T3022664 u dan baqa' l-istess u l-*engine number* huwa 00554816 u baqa' wkoll l-istess. Huwa esebixxa kopja tal-*log book* li gie mmarkat bhala Dok. ADT 01.

**Mario Gauci**, direttur tas-socjeta konvenuta, xehed nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Mejju 2005 w ikkonferma li dan kien involut fix-xiri tal-van minghand il-kjamat in kawza u huwa xtraha bil-patt li kienet *road worthy* u li ma kienitx involuta f'xi habta. Jghid li kemm il-bejjiegh kif ukoll mill-verifiki li ghamel mal-pulizija, rrizulta li l-van kien f'kundizzjoni tajba. Jghid li fin-negozju kien ilu aktar minn ghoxrin sena. Huwa sussegwentement biegh l-istess van lis-socjeta attrici. Ikkonferma li ftit zmien wara s-socjeta attrici baghtet dan il-van lura u huwa ghalhekk ghamel spezzjoni iehor li wkoll tat rizultat tajjeb.

In kontr'ezami jghid li r-relazzjoni li ghandu mas-socjeta attrici kienet wahda tajba. Ikkonferma li kien xtara l-van bil-patt li kien *road worthy* u li ma kienx involut f'xi incident gravi. Finalment spicca bil-proceduri odjerni.

**Joseph Zammit**, l-espert tekniku, mqabbad mis-socjeta attrici, xehed nhar is-sebgha w ghoxrin (27) t'Ottubru 2005 fejn qal li huwa ezamina l-vettura f'zewg okkazjonijiet u bejn l-ewwel ezami u t-tieni ezami, jista jkun li l-van kien qed jintuza fit-triq. Huwa gholla l-van fuq *jack pole* u b'hekk ezamina l-van bil-kumdita. Huwa ra li l-*mounting* kien krepat izda *dent* fic-*chassis* ma kienx hemm. Qal li fil-fehma tieghu, l-van kien involut f'incident fuq quddiem u jahseb li ma giex ippressat bizzejjed. Qal li l-*mudguard*

ta' quddiem kien gie mibdul u kellu l-*undercoat* minn taht jidher. Qal li d-difett fil-van seta' jittranga f'jum jew jumejn xoghol. Ix-xoghol li jrid isir bil-pressa. Ma kienitx kwistjoni ta' *parts* izda ta' *labour*.

**Michael Spiteri**, il-kjamat in kawza xehed nhar is-sebgha (7) ta' Frar 2006 fejn ikkonferma li huwa kien partat il-van tieghu Vauxhall bin-numru ta' registrazzjoni AMG 777 ma' *truck*. Qal li l-van kien hargu gdid u kien dejjem kopert b'polza *comprehensive*. Qal li darba kellu ncident fejn wiehed kien dahal fih fuq quddiem u laqatlu l-*mudguard*. Huwa kien sahansitra anke ghamel *claim*. Ighid li l-van kien kwazi gdid bieghu meta kellu biss 400 kilometru. Qal li minn meta partat il-van, ma semgha xejn aktar salv meta rcieva l-karti ghal Qorti dwar il-kawza odjerna. Huwa mar ikellem lid-dirigenti tas-socjeta konvenuta u minn hemm sar jaf li effettivament il-van kien ghamel xi zmien mikri lil terzi.

In kontr'ezami jghid li huwa qatt ma kien talab li n-numru ta' registrazzjoni tal-van jinbidel. Mistoqsi jekk setax kien minnu li l-van kellu 30,000 kilometri registrat fuqu meta tpartat ma *truck,* Michael Spiteri jghid li seta' kien il-kaz ghaliex huwa ghandu hafna vetturi u ma jzommx amment tal-kilometragg. Ikkonferma li l-van kien involut f'incident gewwa Triq il-Kanizzata, Hal Balzan, u r-responsabilita tal-incident gie fuqu ghax kien hiereg minn garaxx. Mistoqsi jekk kienx hemm xi okkorenza jghid li ma jafx.

**John Lentini**, rapprezentant tas-socjeta assikuratrici Allcare Insurance, ikkonferma li l-van numru ta' registrazzjoni AMG 777 kien inxurjat maghhom minn l-ewwel (1) ta' Frar 2000 sal-wiehed u tletin (31) ta' Jannar 2001 u dan f'isem Michael Spiteri. Qal li fit-tletin (30) ta' Marzu 2000 kien hemm *claim* fuq il-van w irrizulta li ma kellux tort. Huwa pprezenta l-polza li giet mmarkata bhala Dok. AC 02 u kopja tal-*claim* li giet immarkata bhala Dok. AC 03. Huwa ipprezenta numru ta' dokumenti u cioe rapport tal-pulzija li gie mmarkat bhala Dok. AC 04, *survey* bir-ritratt li gie mmarkat bhala Dok. AC 05, l-ircevuti li hallsu li gew immarkati bhala Dok. AC 06 u AC 07, l-ammonti li kienu hallsu li gew immarkati bhala Dok. AC 08

u kopja ta' korrispondenza li giet immarkata bhala Dok. AC 09 u dan dejjem fir-rigward il-van bin-numru ta' registrazzjoni AMG 777.

Rat il-verbal tal-ghaxra (10) t'April 2006 fejn inghad is-segwenti:-

"*Dr. Toni Abela ghall fini tal-eccezzjoni ta' ratifika tal-obbligazzjoni qieghed jezebixxi kopja legali tac-cedola ta' depozitu tas-socjeta attrici illi juri bic-car illi l-vettura ma gietx depozitata qabel il-kawza izda tul il-mori tal-kawza u kwindi jkompli jasserixxi l-obbligazzjoni li qed tigi attakkata w allura, apparti eccezzjonijiet ulterjuri, l-azzjoni hija palezament insostenibbli. Dr. Nikolai Muscat Farrugia ghas-socjeta konvenuta jassocja ruhu fil-verbal fuq imsemmi u jipprometti li ser jesebixxi eccezzjoni ulterjuri f'dan is-sens stante li l-eccezzjoni hija wahda ta' natura li tista titqajjem fi kwalunkwe stadju tal-proceduri, u dan bla pregudizju ghal eccezzjonijiet ohra sollevati mill-istess socjeta konvenuta. Ic-cedola giet markata bhala Dok. CE 01.*"

Rat ukoll il-verbal registrat quddiem il-perit tekniku nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Lulju 2006 fejn gie registrat is-segwenti:-

"*Dr. Muscat Farrugia jistieden lil perit tekniku sabiex filwaqt illi jirrelata dwar jekk kienx hemm xi element kwalsiasi ta' hsara teknika, u jekk kemm il-darba jigi stabbilit li kien hemm xi hsara, jistabbilixxi kemm ilha hemm dik il-hsara, ossia z-zmien li fiha saret, w oltre dan jiddetermina wkoll il-livell ta' tali hsarat, u jekk din il-hsara kienitx wahda ta' natura tali li tissewwa facilment. In oltre jistieden lil perit tekniku sabiex jaghmel dan kollu fl-isfond tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz ossia dak tal-bejgh ta' vettura 'second hand' ta tip kummercjali ta' dik l'eta u kundizzjoni. Ghal dan l-iskop issir referenza gall-kawza Robert Lia vs Burmarrad Commercials fejn il-Qorti ghamlet ezami ta' dak li huwa accettabli bhala kundizzjoni u sfond li fiha tinbiegh vettura 'second hand'.*

Inghad fil-kawza fl-ismijiet **Helen Micallef vs Godfrey Debattista et** deciza mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili nhar is-sebgha w ghoxrin (27) t’Ottubru, 2005 per Onor. Imhallef Dr. J.R. Micallef illi:

“*L-elementi tal-azzjoni sussidjarja rexissorja maghzula mill-attrici jikkonsistu:*

*a. f’bejgh format ta’ haga milquta b’difett li jkun*
*b. gravi u serju, li*
*c. jkun mistur, u*
*d. li jkun diga’ jezisti fil-waqt tal-bejgh.*

*Biex jista’ jinghad li d-difett ikun serju, irid jew ikun tali li, minhabba fih, il-haga mixtrija ma tibqax aktar tajba ghall-ghan li ghalih inxtrat (dan jissejjah difett gravi oggettiv), jew inkella d-difett ikun tali li, kieku x-xerrej kien jaf bih, ma kienx ihallas ghall-haga daqskemm fil-fatt ikun hallas biex kisibha (dan jissejjah difett gravi suggettiv). X’aktarx li ghall-finijiet tal-azzjoni redibitorja, d-difett irid ikun oggettivament serju. Difett ikun mohbi meta xerrej ta’ dehen ordinarju li jaghmel ezami ghaqli tal-haga mixtrija bil-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja, ma jkunx jew ma kienx f’qaghda li jista’ jintebah bih fil-waqt tax-xiri (**Art. 1425 tal-Kap. 16**). Izda jekk difett ikun wiehed li jista’ jidher jekk isir ezami xieraq, ma jibqax aktar difett mistur, ukoll jekk, mad-daqqa t’ghajn, ma jkunx jidher. B’mod partikolari, xerrej ma jistax jilghabha tal-injorant fit-teknika jew fil-kumplessita’ tal-haga mixtrija biex jehles mill-obbligu li jifli b’ghaqal il-haga minnu miksuba. Kemm hu hekk, jekk xerrej m’ghandux il-hila li jifli sewwa l-haga mixtrija, ghandu jdur ghall-ghajnuna ta’ persuna midhla jew imharrga f’dak l-oggett…”*

Inghad ukoll f’din is-sentenza illi:-

“... *jaqa’ fuq il-parti attrici li tipprova li l-haga mibjugha kienet milquta minn difett mohbi fil-waqt tal-ftehim, u daqstant iehor trid turi li d-difett kien tassew wiehed mohbi. (**P.A. NC 28.1.2005 fil-kawza fl-ismijiet Mark Farrugia et vs Michael A. Williams et**). Il-fatt li l-bejjiegh ma jkunx huwa wkoll jaf li l-haga hija milquta b’difett li ma*

*jidhirx, ma jnaqqas xejn mill-obbligu tieghu li jiggarantixxi l-haga mibjugha (**Art. 1426 u l-art. 1429(2) tal-Kap. 16**). Izda jekk jintwera li huwa kien jaf bih u ma tkellimx, ikun irid jaghmel tajjeb ukoll ghad-danni li jkun garrab ix-xerrej minhabba f'dak is-skiet tal-bejjiegh. (**Art.1429(1) tal-Kap. 16**). Il-bejjiegh ibati t-telf tal-haga jekk din tinqered minhabba d-difett (**Art. 1430(1) tal-Kap. 16**), sakemm il-qerda ma ssehhx b'accident (**Art. 1430 (2) tal-Kap. 16**) jew minhabba l-fatt tax-xerrej, f'liema kazi t-telf ibatih l-istess xerrej"*;

Dwar x'inhu jew ahjar x'jista jitqies bhala difett, dik l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

"*Jitqies bhala "difett" kull abnormalita', imperfezzjoni, ksur jew avarija li tnaqqas mill-haga mibjugha l-uzu shih li kienet mahsuba li twettaq (**App. Civ. 29.1.1954 fil-kawza fl-ismijiet Borg vs Petroni noe [Kollez Vol. XXXVIII.i.279]**). Min-naha l-ohra, huwa redibitorju dak id-difett li jolqot **b'mod rilevanti** jew il-mod kif il-haga mixtrija tahdem jew taqdi, jew il-prezz taghha (**Torrente <u>Manuale di Diritto Privato</u> (9 Ediz) par. 319, pagg. 522-3**)*".

Fil-kaz odjern, ma huwiex kontestat li din il-vettura li kienet giet akkwistata mis-socjeta konvenuta minghand il-kjamat fil-kawza bi tpartit, kienet *second hand* w ghalhekk, is-socjeta konvenuta messha kienet taf li kien aktar mistenni li jinqalghu difetti milli kieku l-haga kienet qeghda tinxtara gdida fjamanta, l-aktar jekk l-istess difetti jkunu rizultat tal-uzu tal-haga. (**P.A. TM 2.6.2005 fil-kawza fl-ismijiet *Joseph Pitre' vs Anthony Muscat***).

Ghalhekk il-Qorti ghandha tara f'dan il-kaz jekk il-vettura mibjugha kienitx milquta minn vizzju redibitorju u jekk is-socjeta attrici rnexxielix tipprova t-talba taghha. Is-socjeta attrici ssostni li s-socjeta konvenuta hbiet minnha l-fatt li din il-vettura kellha vizzju latenti u li ghamlet il-bejgh konsapevoli ta' dan il-fatt.

Da parti taghha, s-socjeta konvenuta tghid illi hija ma kienitx taf b'dan id-difett u li meta din il-vettura giet

ezaminata minn nies imharrga, huma ikkonfermawlha li ma kien hemm xejn hazin fiha, salv il-*wear and tear*.

L-espert tekniku nominat mill-Qorti Dr. Wayne Pisani, kif ukoll l-espert tekniku inkarigat mis-socjeta attrici ikkonkludew li dan id-difett kien jezisti qabel ma din il-vettura nxtrat mis-socjeta attrici u li mill-kostatazzjonijiet u rizultanzi taghhom, ghandu jirrizulta li dan kien difett mohbi u dan fis-sens li skond l-espert tekniku Joseph Zammit, huwa kellu jzarma din il-vettura sabiex seta' jikkonstata dan id-difett (fol. 23).

Illi ghalhekk il-Qorti tasal biex tikkonkludi li ghalkemm is-socjeta attrici rnexxielha turi li d-difett ta' din il-vettura kien jezisti qabel ma hija xtrat din il-vettura minghand is-socjeta konvenuta, l-istess socjeta attrici m'irnexxieliex turi li s-socjeta konvenuta kienet taf b'dan id-difett u li hija dolozament ghaddiet biex bieghet din il-vettura lill-imsemmija socjeta attrici konsapevoli ta' dan id-difett. Kien in-nuqqas tal-kjamat in kawza li jinforma lis-socjeta konvenuta li huwa kien involut f'incident awtomobilistiku li wasal ghal din il-vertenza odjerna u xejn izjed. Is-socjeta attrici ma kellhiex ghalfejn tahbi dan il-fatt mis-socjeta attrici.
Il-Qorti hija perswaza mill-fatt li kieku s-socjeta konvenuta kienet taf b'dan il-fatt (u cioe dwar l-incident li kienet involuta fih il-vettura mertu tal-kaz odjern), hija kienet tinforma lis-socjeta attrici b'dan, sabiex l-istess socjeta attrici taghmel id-decizjoni taghha konsapevoli ta' dan kollu.

Inghad ukoll fil-kawza **<u>Avukat Dottor Anton Felice et vs Aplan Limited</u>** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell nhar it-tnax (12) ta' Jannar, 2005 illi:-

"*Naturalment id-difett ma hemmx ghalfejn ikun ta' xi gravita estrema imma hu bizzejjed li l-vizzju ikun ta' serjeta fil-kuntest u perspettiva tal-kaz. Wiehed ghandu dejjem ihares lejn is-sostanzjalita tal-vizzju*".

Dwar dan il-punt jinghad li l-espert tekniku nominat minnha u cioe Dr. Wayne Pisani qal illi "*Mill-provi mressqa*

*jirrizulta illi din il-hsara teknika tmur lura ghal qabel ma l-vettura inxtrat mis-socjeta konvenuta nhar it-tletin (30) ta' Lulju, 2001* ***__liema hsara teknika setghet pero tigi imsewwija permezz ta' l-uzu ta' ghodda adattata__***" (sottolinejar u enfazi tal-Qorti).

Tal-istess fehma kien ukoll l-espert tekniku mqabbad mis-socjeta attrici, u cioe Joseph Zammit, li qal illi "*Although this defect is tedious in the use of the vehicle this defect can be fixed and eliminated by the proper repair and correct adjustment of the damages caused by the collission on the front left corner*" u fis-seduta mizmuma nhar is-sebgha w ghoxrin (27) t'Ottubru, 2005 quddiem l-espert tekniku nominat mill-Qorti qal illi "*b'dak id-difett jiena ma stajtx nikkundanna l-vettura.* "

Il-Qorti ghalhekk ukoll hija tal-fehma li din il-hsara, setghet facilment tigi rrangata u li l-partijiet setghu facilment lahqu ftehim dwar dan. Gara izda li dan il-ftehim baqa m'intlahaqx u l-partijiet waslu fejn waslu f'dan il-kaz.

Jifdal ukoll x'jigi deciz il-punt dwar jekk il-fatt li l-vettura 'n kwistjoni ma gietx depositata qabel jew mal-prezentata ta' din il-kawza taht l-Awtorita tal-Qorti jipprekludiex lis-socjeta attrici milli tutilizza din l-azzjoni legali kif proposta.

Irrizulta mill-atti ta' din il-kawza illi din il-vettura giet depozitata formalment taht l-awtorita tal-Qorti fit-tnejn (2) t'April, 2002 w allura madwar xahrejn wara li giet intavolata l-kawza odjerna. Irrizulta wkoll illi anke wara li gietipprezentata l-kawza odjerna, s-socjeta attrici xorta wahda baqghet tuza din il-vettura, *albeit* ghal ftit zmien. Dan jirrizulta mir-rapport tal-espert tekniku nominat mill-istess socjeta attrici, Joseph Zammit u minn dokumenti ohra esebiti. Jirrizulta per ezempju, li din il-kawza nfethet fl-ewwel (1) ta' Frar, 2002, filwaqt li l-espert tekniku Joseph Zammit ezamina din il-vettura (ghat-tieni darba) fis-sebgha (7) ta' Frar, 2002. F'dan il-perjodu din il-vettura kienet ghada qed tintuza, kif kienet ghadha qed tintuza bejn id-disgha (9) ta' Jannar, 2002 (meta giet ezaminata l-ewwel darba mill-imsemmi Joseph Zammit) u gew riskontrati d-difetti u s-sebgha (7) ta' Frar, 2002.

Ezempju iehor huwa l-ittra datata tmienja (8) ta' Novembru, 2001 esebita mar-rapport tekniku ta' Dr. Wayne Pisani fejn is-socjeta attrici kitbet lis-socjeta konvenuta li din tal-ahhar kellha sas-sittax (16) ta' Novembru, 2001 sabiex tirrifondi l-flejjes kollha li s-socjeta attrici kienet hallsitha ghal dan il-van. Tul dan il-perjodu u cioe bejn Novembru u Frar, 2002 din il-vettura baqghet tintuza mis-socjeta attrici u dan minkejja li fi kliem l-istess socjeta attrici "*it resulted that the van had permanent body damage*". Dan kollu huwa kkonfermat ukoll mix-xhieda ta' Joseph Zammit meta, fis-seduta mizmuma quddiem il-perit tekniku Dr. Wayne Pisani nhar is-sebgha w ghoxrin (27) t'Ottubru, 2005, qal illi "*Il-van baqa jintuza ghaliex dakinhar li spezzjonajtu, bid-driver gie*".

Illi, kif gustament qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fuq citata **Micallef vs Debattista et:-**

"*L-akbar zball tal-attrici (ghall-finijiet tal-azzjoni li ghogobha tibda) johrog mill-fatt li hija ma radditx lura l-karozza lill-imharrkin. Lanqas ma ntwera li sar tentativ ta' offerta minnha lilhom f'dan is-sens jew ta' depozitu formali tal-karozza. Ghalkemm ma tithaddimx u mhix qeghda tinsaq, jidher li l-karozza ghadha taht il-kontroll jew l-influwenza patrimonjali tal-attrici*".

Issa f'dan il-kaz, ghalkemm il-vettura setghet tinsaq, u giet depozitata fil-mori ta' dawn il-proceduri, xorta wahda baqghet tintuza wara li giet prezentata din il-kawza u dan anke jekk ghal ftit jiem. Inghad ukoll f'din il-kawza hawn appena imsemmija li "*r-radd lura lill-bejjiegh tal-haga mixtrija misjuba difettuza huwa rekwizit krucjali ghas-success tal-azzjoni redibitorja, u huwa l-element li jaghraf dik l-azzjoni mill-azzjoni estimatorja (vel quanti minoris), fejn ix-xerrej ikun qieghed jippretendi biss it-tnaqqis fil-prezz u mhux it-thassir tal-kuntratt. Dwar dan, inghad mill-Qrati taghna li "Fondamentali ... hu l-principju li l-actio redhibitoria kienet timponi fuq il-kompratur 'li jaghti lura l-haga' u cioe' r-restituzzjoni ta' l-oggett mixtri mill-venditur u kontestwalment li 'jitlob ir-radd tal-prezz'. Il-ligi ma tippermetti allura l-ebda alternattiva ohra lill-kumpratur li*

*jaghzel li jagixxi bl-azzjoni redibitorja. Fil-verita' allura l-kompratur ma kellux id-dritt li jibqa' jzomm l-oggett f'idejh u li jirrilaxxjah biss lill-venditur meta dan iroddlu l-prezz tieghu. Hu kellu l-obbligu li minnufih appena jirrifjuta l-oggett mibjugh ghaliex ikun irriskontra d-difett latenti jaghti lura l-haga lill-venditur" (***App. Civ. 6.10.2000 fil-kawza fl-ismijiet Busietta noe vs Borg Cardona et noe (Kollez. Vol: LXXXIV.ii.1085***)" u "*Illi l-harsien ta' dan l-obbligu tax-xerrej (ladarba jkun ghazel li ma jridx l-oggett) jaf il-htiega tieghu ghall-fatt li l-effett tal-azzjoni redibitorja huwa wiehed li jhassar in-negozju u li jerga' jqieghed lill-partijiet fl-istess qaghda li kienu qabel intlahaq il-ftehim (***Art. 1209 (1) tal-Kap. 16***). Dan jinghad ghaliex l-oggett ikun irid jintradd lura fl-istess kundizzjoni u stat (ukoll jekk diga' milqut b'difett jew nuqqas) li kien meta ntlahaq il-ftehim.*

*Ghalhekk, jekk kemm-il darba l-haga ddum f'idejn ix-xerrej u tilhaq titgharraq, ma jkunx jista' jintlahaq l-ghan tar-rexissjoni. Dan jinghad b'qawwa akbar jekk it-tgharriq isehh bil-fatt tal-imgiba tax-xerrej (***Ricci <u>Diritto Civile</u> Vol. VII. par 183; u Borsari <u>Commentario del Codice Civile Italiano</u> Vol. IV***). Illi din hija wahda mir-ragunijiet ghaliex il-ligi taghti zmien perentorju relativament qasir biex wiehed iressaq azzjoni dwar il-garanzija*".

**Illi ghalhekk din il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li tiddikjara li l-vettura 'n kwistjoni kienet affetta minn difett mohbi fil-mument tal-akkwist, tichad pero it-talbiet tas-socjeta attrici u konsegwentement tilqa l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta u l-kjamat in kawza.**

**L-ispejjez fic-cirkostanzi tal-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------